MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 18

Il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex nhar il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

18.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

18.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 16 kif ukoll tal-laqgħa b'urġenza bin-numru 17 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

18.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

18.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

### 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

18.3.1 Is-Sindku, s-Sur Damien Spiteri informa lill-membri bl-aġġornamenti fuq il-proġett tar-restawr tat-torri tax-Xlendi, fosthom fejn l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) approvat il-permessi għal dan ix-xogħol iżda b'ċerti kundizzjonijiet imposti bħal trapjant ta' pjanta protetta li tinsab fl-inħawi, liema trapjant irid isir bejn ix-xhur ta' Settembru u Marzu fil-preżenza ta' botaniku, kif ukoll kundizzjonijiet biex isir il-livellar tal-passaġġ biex ikun hemm aċċess bil-vetturi għat-torri. Is-Sindku għarraf lill-membri wkoll li s-sidien tal-art li jwassluk fejn it-torri talbu biex isir kanċell biex ma jidħlux vetturi mhux awtorizzati. Dan il-kanċell sar ukoll mill-kuntrattur. Is-Sindku qal li x-xogħol beda billi sar il-livellar tat-triq u beda jinġarr l-*iscaffolding*. Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntratt iffirmat għas-servizzi ta' konsulenza teknika mal-Perit Herman Bonniċi dwar dan il-proġett ser jiskadi u għalhekk hemm bżonn li jiġġedded. Kien hemm qbil mill-membri.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

18.3.2 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri informa lill-membri bl-aġġornamenti fuq il-proġett tax-xelters tal-Pjazza. Huwa għarraf lill-membri li l-Kunsill ingħata l-approvazzjoni min-naħa tal-Awtorita' tal-Artijiet u ser jibda l-proċess min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar iżda qabel il-Kunsill irid l-approvazzjoni tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-pjanti tal-Perit dwar dan il-proġett u kien hemm qbil mill-membri ma' dak propost. Il-membri tal-Kunsill irrimarkaw dwar il-faċilita' biex titnaddaf il-ħġieġa proposta kif ukoll dwar il-possibilta' ta' ventilazzjoni fix-xelters minħabba li l-ħġieġa tista' tittappan kif ukoll ħabba l-umdita' u l-possibilta' ta' ħsarat fis-sistema tad-dwal. Is-Sindku wieġeb li ser jikkonsulta mal-Perit dwar dan.

18.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-proġett ta' Triq il-Munxar riesaq lejn tmiemu fejn qed isir l-i*storm water culvert* fil-bidu tat-triq, kif ukoll il-Perit qed ihejji *traffic management plan* biex finalment tiġi approvata mill-Kunsill u tgħaddi għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

18.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa mal-Inġinier tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex isir pjan min-naħa tagħhom biex jiġu offruti s-servizzi bl-aħjar mod possibbli għal postijiet li qed jinbnew ġodda fl-inħawi ta' Triq Ta' Rinota.

18.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li ġie avviċinat minn resident li joqgħod fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi sabiex issir għatba minħabba l-periklu biex jidħol f'daru. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

18.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li ġie avviċinat minn resident li joqgħod fi Triq Ta' Rinota sabiex titranġa r-rampa tal-garaxx tiegħu u titlaqqa mal-bankina eżistenti. Is-Sindku qal li din ser issir mill-materjal li hemm diġa' jiġifieri mill-*bricks* tal-istess rampa u bankina. Is-Sindku qal li kellu diversi talbiet mir-residenti ta' dik in-naħa tat-triq biex il-bankini jsiru kollha mill-ġdid bħal tal-faċċata tagħhom, iżda s-Sindku saħaq li dan jirriżulta għal nefqa kapitali kbira.

18.3.7 Is-Sindku qal li wara li saret bankina ġdida fi Triq il-Qsajjem k/m Triq Puniċi, daħlet talba għall-bankina oħra ġdida li tmiss magħha fi Triq Puniċi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

18.3.8 Is-Sindku għarraf lill-membri li ħarġet is-sejħa għall-Premju tal-President għall-Kreattivita'. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill janalizza l-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

linji gwida maħruġa u eventwalment jekk din l-iskema titqies bħala apportunita' għall-Kunsill, il-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

18.3.9 Is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif ikkomunikat lilhom mill-Kunsill dwar iċ-ċirkulari AKL 2020/060, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali flimkien ma' Transport Malta u l-Ministeri konċernati, varaw l-proġett ta' Slow Streets biex jiżdiedu l-ispazzji pedonali fil-lokalitajiet. Il-Kunsilli Lokali interessati ser ikunu qed jiffirmaw kuntratt ma' ditta ta' periti biex isir studju dwar dan bl-ispiża tkun ta' €3,000. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex huwa kommess li jkopri hu din l-ispiża għal dawk il-Kunsilli interessati. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill Lokali Il-Munxar jiffirma dan il-kuntratt.

18.3.10 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, informa lill-membri li qed jithejja l-programm t'attivitajiet fix-Xlendi bħalma jsir kull sena b'fondi mill-Ministeru Għal Għawdex bejn it-18 ta' Lulju 2020 u id-19 ta' Settembru 2020, kull nhar ta' Sibt.

18.3.11 Is-Sindku informa lill-membri li ġie mgħarraf li seħħ inċident fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi fejn tifel sofra xi ġrieħi ħfief meta waqa' allegatament minħabba xi ħofra f'din it-triq. Is-Sindku qal li minnufih ċempel lill-missier dan it-tifel biex jara kif inhu u ttieħdet azzjoni minnufih biex din il-ħsara fit-triq titranġa.

18.3.12 Is-Sindku informa lill-membri li ser issir ilqugħ maċ-ċint il-ġdid tal-*front* tax-Xlendi mill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex, għal matul il-perjodu tas-Sajf minħabba li ċ-ċint kif kien qabel kellu spazzju miftuħ fejn dak li jkun seta' iħalli l-affarijiet tiegħu hemm sakemm ikun qed jgħum fil-port. Kien hemm qbil dwar dan.

18.3.13 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-jiem li ġejjin ser jiġu nstallati l-*ashtrays* fix-Xlendi, waħda quddiem il-bajja u oħra fil-passaġġ tas-slielem ħalli min ikun ipejjep ikollu fejn jarmi l-fdalijiet tas-sigaretti u mhux jispiċċaw fl-ibħra tagħna.

18.3.14 Is-Sindku informa lill-membri li sar kuntatt mal-Pulizija u mal-MTA biex isir aktar infurzar u kontroll fix-Xlendi minħabba rimi ta' skart illegali li qed ikun hemm.

18.3.15 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri ppropona sabiex tintbagħat ittra lill-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Ministru responsabbli mill-forzi tal-ordni, l-Onorevoli Dr Byron Camilleri, biex jgħin lill-Kunsill Lokali billi jalloka Uffiċċjal tal-Komunita' mal-Kunsill bħalma hemm f'lokalitajiet oħra f'Malta. Is-Sindku qal li dan l-uffiċċjal irid iservi biex jeduka aktar lin-nies u jservi ta' deterrent. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan. Is-Sindku qal li kull sena fix-Xlendi il-Kunsill iħabbat wiċċu ma' rimi ta' skart illegali speċjalment ħdejn il-*bring in sites*. Il-Kunsill qed iħallas flus addizzjonali biex jiġbor dan l-iskart. Is-Sindku qal li kellu diversi laqgħat ma' entitajiet differenti fosthom ma' GreenMT fejn spikka l-fatt li *CCTV cameras* m'humiex s-soluzzjoni minħabba li riżorsi biex isir monitoraġġ tagħhom huwa limitat, għalhekk b'kolalborazzjoni mal-istess skema GreenMT ser jiġi mpjegat persuna li tissorvelja dan is-sit fix-Xlendi biex dan l-abbuż jitnaqqas jew jinqata'. Is-Sindku qal li ma jistax ikun li persuni jabbużaw u jibqgħu jarmu illegalment u dritt wara l-Kunsill imur jiġbor dan l-iskart għax b'hekk din il-prassi ser tibqa' sseħħ. Is-Sindku għarraf lill-membri wkoll li mill-1 ta' Lulju 2020 ser tibda l-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart fix-Xlendi.

18.3.16 Is-Sindku informa wkoll lill-membri li hekk kif propost f'laqgħa preċedenti, il-ġabra tal-iskart domestiku fil-Munxar kull nhar ta' Sibt ġiet approvata għas-sena kollha. Madanakollu, is-Sindku saħaq li din ser tkun spiża sostanzjali oħra għall-Kunsill. Huwa ppropona sabiex il-Kunsill jissospendi s-servizz tal- *open skip* fi Triq Marziena ġaladarba ser jiddaħħal dan is-servizz u ġaladarba l-Kunsill jiprovdi servizz ta' *bulky refuse collection* minn wara l-bieb kull nhar ta' Tlieta. Huwa qal li wara studju dwar is-servizz li kien qed jingħata ta' *open skip* fi Triq Marziena rriżulta li dan l-i*skip* għandu kapaċita' li jimtela' bejn wieħed u ieħor minn ħames persuni biss u għalhekk huwa aktar konvenjenti li l-Kunsill joffri servizz ta' ġbir ta' skart domestiku kull nhar ta' Sibt is-sena kollha minflok is-servizz ta' *open skip*. Kien hemm qbil mill-membri kollha sabiex is-servizz ta' *open skip* jieqaf mill-1 ta' Lulju 2020 u jiddaħħal is-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku.

## 18.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

18.4.1 Il-Viċi Sindku, s-Sinjura Carmen Parnis, staqsiet dwar il-bagi tal-baħar biex jiġu identifikati l-i*swimming żones* fix-Xlendi, biex tkun taf meta dawn ser jitwaħħlu. Is-Sindku wieġeb li ser isiru f'dawn il-jiem.

18.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi, ġibed l-attenzjoni dwar ħajt tas-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

sejjieħ fl-inħawi Tas-Sanap biex jitranġa, kif ukoll biex tinbidel bankina minn *bricks* għall-madum fi Triq Ta' Rinota. Kien hemm qbil mill-membri biex jerġa' jinbena l-ġebel tas-sejjieħ li waqa' fl-inħawi Tas-Sanap, filwaqt li fuq il-bankina ta' Triq Ta' Rinota s-Sindku rrefera għall-kumment tiegħu aktar kmieni dwar il-bankini ta' dik in-naħa ta' Triq Ta' Rinota.

18.4.3 Il-Kunsillier, is-Sinjura Juliet Attard, staqsiet dwar it-talba li kienet ressqet hi biex isir *railing* tal-kanni ma' taraġ fil-bajja tax-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li din it-talba ġiet approvata mill-Ministeru Għal Għawdex biex dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tas-sezzjoni tal-*beach cleaning*. Is-Sinjura Juliet Attard ressqet suġġeriment ukoll sabiex jitranġa l-aċċess ta' bidwi li għandu l-għalqa fi Triq Ras il-Bajjada minħabba li ma jistax jidħol bil-moħriet tiegħu. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu bżonn aktar dettalji u jekk ikun il-każ imorru fuq il-post biex jaraw eżattament fejn.

18.4.4 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni li fix-Xlendi qed jinstabu xi seringi qrib il-bajja. Is-Sindku wieġeb li dan ser jinġab għall-attenzjoni tal-Pulizija u tal-*beach cleaners*. Is-Sur Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni wkoll li mit-tarf ta' Triq Puniċi jidher li hemm xi żibel mormi għal isfel fuq il-blat, kif ukoll dwar il-problema tar-rimi ta' skart illegali f'postijiet oħra fix-Xlendi. Is-Sindku ppropona sabiex ninfurmaw lil ERRC dwar dan forsi jkunu jistgħu jinżlu bil-ħbula u jinġabar iż-żibel li hemm fuq il-blat. Dwar il-problema tar-rimi ta' skart illegali s-Sindku qal li tkellem diġa' fuq hekk aktar kmieni u determinat li tinstab soluzzjoni effettiva.

## 18.5 Korrispondenza, ilmenti u rapporti;

18.5.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali b'notifika li l-istess assoċjazzjoni rċeviet mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, dwar permess biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet hekk kif indikat fi pjanta annessa ma' din il-korrispondenza fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.2 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Ċelebrazzjonijiet tal-Quddies kull nhar ta' Ħadd fi Triq Tarsus, il-Munxar – mis-6.45am sa 8.15am, mid-8.45am sa 10.15am u mis-6.45pm sa 8.15pm;

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

- Attivita' Soċjali – Ġnien il-Profs Ġuże' Aquilina, il-Munxar – 26 ta' Ġunju 2020;
- Attivita' Soċjali – Triq San Xmun, ix-Xlendi – 18 ta' Lulju 2020;
- Programm Televiżiv – Triq San Xmun, ix-Xlendi – 20 ta' Ġunju 2020.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

18.5.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident b'suġġeriment sabiex jinbena ħajt tas-sejjieħ fl-inħawi tas-Sanap minħabba l-periklu li hemm. Kien hemm qbil dwar dan biex dan is-suġġeriment jiġi sottomess fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

18.5.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand BirdLife Malta b'rakkomandazzjonijiet biex jiġu ssalvagwardjati l-ispeċi tal-għasafar u jitnaqqas l-emmissjoni tad-dwal speċjalment fix-Xlendi. BirdLife Malta ressqet diversi suġġerimenti u proposti biex jinbidlu l-fanali fix-Xlendi. Is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa virtwali ma' BirdLife Malta, miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv, fejn ir-rappreżentanti ta' BirdLife Malta infurmaw lill-Kunsill li qed japplikaw għall-fondi sabiex dawn il-proposti jkunu jistgħu jitwettqu jekk il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Is-Sindku għarraf lill-membri li BirdLife Malta għandha tibgħat aktar dettalji dwar it-tipi ta' fanali li qed jissuġġerixxu sabiex il-membri tal-Kunsill ikunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom. Is-Sindku informa lill-membri wkoll li BirdLife Malta laqgħu u faħħru l-azzjonijiet li ħa l-Kunsill.

18.5.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bi kjarifika dwar ċirkulari 1/2020 'Għeluq is-Sena Finanzjarja 2019' fejn il-Kunsill ġie nfurmat li minħabba ċ-ċirkustanzi li għaddej minnhom il-pajjiż is-sottomissjoni finali bir-risposta tal-Kunsill għall-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri trid tintbagħat sa nhar il-Ġimgħa 24 ta' Lulju 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.6 Direttiva 3/2020 – Revoka tad-Direttiva 2/2020. Il-Kunsill ġie infurmat li din id-direttiva qed tirrevoka b'mod immedjat id-direttiva numru 2/2020 datata 20 ta' Marzu 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand TriGozo biex jinfurma lill-Kunsill li l-attivita' li kienet se ssir fid-19 t'April 2020, ġiet posposta għas-26 ta' Settembru 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut u ma sabx

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

oġġezzjoni sakemm isiru l-permessi kollha neċessarji.

18.5.8 Il-Kunsill irċieva ilment permezz ta' *email* mingħand persuna li ġiet vaganza x-Xlendi u ingħatat ċitazzjoni għax inqabdet tarmi borża tal-iskart illegalment ħdejn il-*bring in sites*. Din il-persuna qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill għax fil-fehma tagħha ma kellha l-ebda għażla oħra minħabba li kienet ser tirritorna lura Malta u ma kinitx il-ġurnata tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, huma tennew li dan l-aġir mhux ġustifikat meta l-iskeda tal-ġbir tal-iskart hija rregolat permezz ta' avviż legali.

18.5.9 Il-Kunsill irċieva notifika mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ma jinħarġux permessi għal xogħol ta' twaqqiegħ u skavar fix-Xlendi bejn l-1 ta' Lulju 2020 u t-30 ta' Settembru 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar li wara li ġiet sottomessa talba għat-tiġdid tal-permess ta' tisbieħ fi Pjazza tal-Knisja l-Munxar, twaħħal avviż li juri dan biex jinforma lill-pubbliku b'din l-applikazzjoni, liema avviż irid jibqa sad-9 ta' Lulju 2020. Il-Kunsill innota dan.

18.5.11 Il-Kunsill irċieva applikazzjoni għal kostruzzjoni ta' bankina ġdida fi Triq ir-Rumani, ix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din l-applikazzjoni tiġi sottomessa fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

18.5.12 Il-Kunsill irċieva applikazzjoni għal kostruzzjoni ta' bankina ġdida fi Triq Dun Spir Gauci k/m Triq Ta' Rinota, il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din l-applikazzjoni tiġi sottomessa fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

18.5.13 Ċirkulari Nru AKL 2020/058 – Applikazzjoni għall-EPOS machines. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/059 – Active Ageing and Community Care application. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.15 Ċirkulari Nru AKL 2020/060 – Dokument proġett Slow Streets u laqgħat mal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali rispettivi. Il-Kunsill innota l-kontenut wara korrispondenza oħra mibgħuta mil-Kunsill Reġjonali Għawdex fejn ser tiġi diskussa din il-materja waqt laqgħa

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

tar-reġjun. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex ser ikun qed jiffinanzja sa massimu ta’ €3,000 għall-istudji ta’ dan il-proġett lil kull Kunsill.

18.5.16 Ċirkulari Nru AKL 2020/061 – EUCF 1st National Webinar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.17 Ċirkulari Nru AKL 2020/062 – Register now to the STAR Project webinar on street art against urban and social marginalization. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.18 Ċirkulari Nru AKL 2020/063 – Ġbir ta’ skart riċiklabbli. Il-Kunsill innota l-kontenut u dan ġie diskuss f’laqgħa b’urġenza li saret apposta nhar it-18 ta’ Ġunju 2020.

18.5.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/064 – Local Councils migration to electronic payments. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/065 – Proġett Wifi4EU. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.21 Ċirkulari Nru AKL 2020/066 – Spazzju fil-Kunsilli offrut għall-istudenti tal-liġi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.22 Ċirkulari Nru AKL 2020/067 – Ħu sehem fi stħarriġ qasir dwar l-impatt tal-COVID 19 fuq ir-reġjuni u l-ibliet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.23 Ċirkulari Nru AKL 2020/068 – 9 June @ 10am! Webinar on the European Semester’s 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.24 Ċirkulari Nru AKL 2020/069 – EUSEW2020: Registration is now open. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.25 Ċirkulari Nru AKL 2020/070 – EuroPCom 2020 – June 29 09:00-12:30 – Register now. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.26 Ċirkulari Nru AKL 2020/071 – LCA Summer BBQ 24/07/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.27 Ċirkulari Nru AKL 2020/072 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.33 u Nu.34. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

18.5.28 Ċirkulari Nru AKL 2020/073 – Street Naming – Tabelli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.5.29 Ċirkulari Nru AKL 2020/074 – Servizzi lill-anzjani mill-Kunsilli Lokali – Ċentru Servizz Anzjani. Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

18.6.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 18/2020-8 għall-perjodu bejn it-23 ta' Mejju 2020 u t-24 ta' Ġunju 2020 li tammonta għal €15,622.62 ġiet approvata u ffirmata.

## 18.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

18.7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 21 ta' Lulju 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tlieta 21 ta' Lulju 2020.

*IFFIRMATA*
Damien Spiteri
Sindku

*IFFIRMATA*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR